**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**

**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**<u>SENTENZA DWAR L-EĊĊEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI SOLLEVATA MID-DIFIŻA</u>**

Mogħtija llum, it-Tlieta, tlieta (3) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 344/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**George Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>George Camilleri</u>**, iben Tony u Carmen nee Curmi, imwieled l-Awstralja fit-tlettax (13) ta' Jannar 1976 u residenti ġewwa l-fond "Sole Vita", Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 413192(M) u/jew għan-nom tas-soċjeta Elzan Properties Limited numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C 86669 talli bejn is-sittax (16) u t-tletin (30) ta' Jannar 2023 u/jew fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa l-binja bl-isem

ta' Artisan Court, Block A, Triq il-Kanonku Franġisk Mangion, Għarb, Għawdex kif wkoll f'postijiet oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin:

(1) mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita tiegħu inniffsu lil Yvonne Spiteri u Omar Busout iħallsu dejn jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Yvonne Spiteri u Omar Busout fil-pussess ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.[1]

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjali Prosekuturi;

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tal-lum il-parte civile talab korrezzjoni fl-akkuża fis-sens illi wara l-kliem "413192M" jiżdied il-kliem *"u/jew għan-nom tas-soċjeta Elzan Properties Limited numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C 86669"*;

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-difiża irrimettew ruħhom għal tali talba;

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess mogħti *seduta stante* fejn il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba;

Rat li l-akkużat ta ruħu b'notifikat bl-akkużi kif korretta *seduta stante*;

Rat li l-partijiet kollha eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda kollha prodotti sa dak l-istadju kif wkoll milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti kollha preżentata sa dak il-punt;

Rat li l-Prosekuzzjoni u l-parte civile fis-seduta tal-lum iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu u iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq;

Rat li d-difiża fis-seduta tal-lum eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante t-trapass ta' sentejn peress li

[1] Artikolu 85(1) tal-Kap. 9.

saret korrzzjoni fl-akkuża illum stess u l-akkużat reġa' ġie notifikat bl-akkużi kif korretti illum stess. Dan wara li ġia kienu għaddew is-sentejn mid-data tal-allegat reat;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat;

Il-fatt tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tletin (30) ta' Jannar 2023 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30hrs), Jane Spiteri flimkien mat-tifel ta' oħtha Omar Busout marru fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex u irrappurtaw li huma għandhom garaxx kull wieħed maġenb xulxin bin-numru tnejn (2) u tlieta (3) fl-indirizz "Artisan Court", Block A, Triq il-Kanonku F. Mangion, Għarb, Għawdex. Spjegaw li fuq il-garaxx tagħhom hemm maisonette ta' Allan Micallef u li dan kien għamel xi xogħlijiet bil-katusi tal-ilma u niżel bihom minn ġol-maisonette tiegħu għal ġewwa s-shaft propjeta ta' Jane Spiteri u baqa' dieħel bihom fil-garaxx ta' oħtha Mary Busout. It-tnejn sostnew li kienu saru ħsarat li ma kinux neċessarji fil-propjetajiet rispettivi tagħhom. In sostenn ta' dan ir-rapport ġiet anke preżentata kwerela.

Il-Pulizija marru fuq il-post indikat lilhom mill-kwerelanti fejn ġew murija l-katusi. Il-kwerelanti sostnew wkoll mal-Pulizija li biex ingħaddew dawn il-katusi ma kien intalab l-ebda permess lilhom. In segwitu għall-investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija in konnessjoni ma' dan ir-rapport u wara li kellmu wkoll lis-sidien tal-maisonette soprastanti l-garaxxijiet Allan u Julienne konjuġi Micallef, l-akkużat ġie imsejjaħ l-Għassa rigward dan ir-rapport. L-akkużat li kien legalment assistit għamel riferenza għall-kuntratt tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' April 2021 fl-atti tan-Nutar Maria Pisani, liema kuntratt kienu anke firmatarji tiegħu l-istess kwerelanti, preċiżament għall-klawsoli li kienu jirrigwardaw servitujiet u li skont hu għalhekk kienu jippermettu l-mogħdija ta' tali katusi. Il-Pulizija sussegwentement ipproċedew b'dan il-każ fil-konfront tal-istess George Camilleri;

Ikkunsidrat;

Din is-sentenza tikkonċerna limitatament l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża fis-seduta tal-lum. Id-difiża eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 688(e) tal-Kap. 9. Dan għar-raġuni li l-parte civile talbu korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u allura kien hemm il-ħtieġa li issir notifika mill-ġdid. Id-difiża sostniet li l-allegat każ kien seħħ bejn is-sittax (16) u t-tletin (30) ta' Jannar 2023 u la darba l-korrezzjoni intalbet illum, tlieta (3) ta' Ġunju 2025 u l-akkużat ġie notifikat illum stess biċ-ċitazzjoni korretta, allura jiġi li ġia kien għadda t-terminu ta' sentejn sabiex tkun tista' titmexxa din l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-akkuża.

Il-parte civile laqgħet għal din l-eċċezzjoni billi sostniet li ma sar l-ebda tibdil fl-akkuża u li r-reat ta' raggion fattasi għandu effetti permanenti u kontinwi u allura ma jistax jitqies li r-reat ġie preskritt.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 85(1) tal-Kap 9 jikkontempla piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur, jew il-multa. Skont l-artikolu 688 tal-Kap. 9 li jittratta l-preskrizzjoni, din il-piena taqa' taħt il-paragrafu (e) u għalhekk japplika t-terminu preskrittiv ta' sentejn fis-sens li l-azzjoni kriminali tiġi preskritta bid-dekors ta' sentejn.

L-allegat każ seħħ bejn is-sittax (16) u tletin (30) ta' Jannar 2023 u allura illum tlieta (3) ta' Ġunju 2025 jiġi li ġia għaddew is-sentejn mid-data tal-allegat kaz, anke wkoll jekk wieħed kellu jieħu l-aħħar ġurnata indikata mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni tagħha.

La darba l-parte civile minn jeddha u mingħajr ma sfurzaha ħadd għażlet li fis-seduta tal-lum titlob li jsiru korrezzjonijiet fiċ-ċitazzjoni oriġinali li kienet ġiet notifikata lill-akkużat, allura bil-fors li l-akkużat ried jiġi notifikat mill-ġdid. Huwa minnu li l-akkuża per se ma inbidlitx; **pero sar tibdil fil-kwalita li fiha l-imputat kien qiegħed jiġi akkużat**. Infatti l-parte civile talbet sabiex l-akkuża tiġi taqra fis-sens li **George Camilleri qiegħed**

**jiġi akkużat kemm f'ismu propju u/jew għan-nom tas-soċjeta Elzan Properties Limited numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C 86669**. Għalhekk l-akkuża ma baqgħetx f'isem George Camilleri waħdu iżda ġiet estiża għal George Camilleri fil-kwalita tiegħu ta' rappreżentant tal-kumpanija Elzan Properties Limited. It-tibdila mitluba ma setgħetx titqies waħda purament kosmetika jew li kienet qiegħda tikkoreġi xi *lapsus calami*. Kienet tibdila sostanzjali li waslet sabiex inbiddlet il-kwalita tal-persuna involuta.

Il-Qorti lanqas ma tqis li l-parte civile għandha raġun fl-argument tagħha li la darba l-effetti tal-allegata azzjoni spoljattiva da parti tal-akkużat għadhom jinħassu sal-lum, allura r-reat huwa wieħed kontinwat u per konsegwenza l-akkuża ma ġietx preskritta.

L-awtur Manzini huwa u jikkummenta fuq artikolu simili fil-Kodiċi Penali Taljan jistqarr li: *"**È in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorchè possa avere effetti permanenti**. Ne' importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi uninterrottamente per un certo tempo ... perché il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si è fatta ragione da sé medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso é sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato."*[2] (Enfażi tal-Qorti)

Il-Qrati tagħna wkoll abbraċċjaw dan it-tagħlim. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Cilia***, illi kienet tirrigwarda il-bdil ta' serraturi ta' żewġ ħwienet, il-Qorti kienet ikkummentat li: *"Il-fatt tal-bdil tas-serraturi kellu effett permanenti, iżda dan xorta jrid jitqies bħala reat istantaneju. B'hekk il-preskrizzjoni beda jiddekorri mill-jum tal-konsumazzjoni, cioe' mill-jum meta ġew kommessi l-atti tal-appellant li jbiddel is-serraturi tal-ħwienet.*[3]

---

[2] Vincenzo Manzini, *Trattato di Diritto Penale Italiano,* Vol. V, Torino 1950, p. 996

[3] App Nru 339/13, Onor Imħ David Scicluna LL.D, 7 t'Ottubru 2015, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri). Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Angel Joseph Caruana*** (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 24 ta' Novembru 2010, Appell Kriminali Nru 154/2010).

Għalhekk għalkemm bħala fatt il-katusi in kwistjoni jidher li għandhom installati fuq il-post, dan pero ma jrendix ir-reat bħala reat kontinwat: xorta jibqa' reat istantanju għaliex l-azzjoni kriminali saret bl-installazzjoni tal-katusi liema installazzjoni ħalliet effetti permanenti u kontinwi.

Il-Qorti għalhekk in vista tat-talba tal-korrezzjoni li saret mill-parte civile illum stess, liema talba intlaqgħet u wasslet sabiex iċ-ċitazzjoni kellha terġa tiġi notifikata mill-ġdid se jkollha tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża u tiddikjara l-proċediment estint stante li l-azzjoni kriminali ġiet preskritta bit-trapass tas-sentejn.

- ***<u>Decide</u>***

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 85(1) u 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża illum stess u qiegħda tiddikjara l-proċediment estint stante li l-azzjoni kriminali ġiet preskritta bit-trapass ta' sentejn.

**Dr Jean Paul Grech**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Reġistratur**